MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 295/2009

Kawza fil-lista: 47

***H J***
**vs**
***H V***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta’ Lulju 2002, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fil-25 ta’ Settembru 2006; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk dan iz-zwieg huwa null; ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg, u l-konsegwenzjali registrazzjoni fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta cahdet dak imputat lilha, u attribwit in-nullita’ taz-zwieg lill-attur ghall-istess ragunijiet dedotti minnu fil-konfront taghha;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, u li tinsab inserita a fols.30 u 31 tal-process [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat, u li tinsab inserita a fol.37 u 38 tal-process [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-13 ta’ Lulju 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] tal-artikolu precitat.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda timputa lill-attur l-istess ragunijiet ta’ annullament dedotti minnu fil-konfront taghha, filwaqt li hi tichad li ghandha xi responsabbilita’.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta’ Lulju 2002 wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tmien [8] snin. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta’ circa tlett snin, il-partijiet isseparaw de facto, u fil-25 ta’ Settembru 2006 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Illum iz-zewg partijiet jinsabu f’ relazzjoni stabbli ma’ terzi, u l-attur ghandu tarbija wkoll.

Illi din il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm wara sena li kienu bdew johorgu flimkien il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi ta’ spiss, izda maz-zmien dan l-aspett tar-relazzjoni kien beda jonqos, tant li l-attur jghid li “l-ispark li kelli meta bdejt nohrog ma’ *H* ma kienitx tezisti sa zmien qabel ma zzewwgina. Ippruvajt nixghel l-ispark wara z-zwieg izda kienet u baqghet mitfija” [Affidavit fol.17]. Fid-depozizzjoni tieghu jghid li sa minn qabel iz-zwieg “Kien gja beda dak is-sens ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni. Anke minn naha tieghi kont qisni ninduna li kien hemm certu bruda, imma kont qisni naccetta ..[u] konna naghtu kaz aktar affarijiet ohra materjali, per ezempju specjalment qrib iz-zwieg. Konna nfittxu preparamenti u hekk, [izda] ma konniex naghtu kaz hafna lil xulxin” [fol.60]. Minkejja dan, l-attur jghid li huwa xorta baqa’ ghaddej bil-preparamenti taz-zwieg u biz-zwieg ghax haseb li “l-affarijiet kienu ser jitrangaw.” [fol.61]. Fil-fatt, mhux talli ma trangawx fiz-zwieg, talli aggravaw.

Illi wara z-zwieg din il-bruda, riflessa wkoll fir-relazzjonijiet intimi, aggravat, anke dovut ghall-fatt li l-partijiet kienu jahdmu sieghat twal, f’ hinijiet differenti.

Wara circa sentejn miz-zwieg il-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet spiccat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fil-kaz in dizamina il-Qorti tirravviza fil-konfront ta’ l-attur il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li l-Qorti thoss li dan ma fehmx l-import tal-hajja mizzewwga, jew ahjar tal-hajja konjugali. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li, nonostante li qabel iz-zwieg huwa kien hass li r-relazzjoni taghhom ma kienitx ghadha tajba, anki fuq livell fiziku, huwa xorta wahda baqa’ ghaddej biz-zwieg. Rizultat ta’ dan, il-hajja konjugali ntemmet sentejn wara z-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet tal-partijiet huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni u dwar il-kontro-talba billi tilqa' it-talbiet, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Lulju 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------